MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 366/2008

**Polidano Brothers Limited (C8884)**

**vs**

**Victor Vella**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fl-14 ta’ April 2008, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi s-socjeta attrici forniet lill-konvenut diversi materjal u dan dejjem fuq ordni tal-istess konvenut;

Illi l-ammont dovut huwa ta’ tnax-il elf mitejn u disgha ewro u hamsin centezmu (Ewro12,209.50c) oltre t-taxxa tal-valur mizjud u dan kif jirrizulta mill-anness prospett markat Dok A;

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi mis-socjeta attrici sabiex jersaq ghal dan inl-hlas izda baqa inadempjenti u sahansitra cemplitlu l-avukat sottoskritt personalment u weghda li sejjer ihallas izda l-konvenut baqa' inadempjenti;

Illi l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbet ghalhekk li il-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' ta' tnax-il elf mitejn u disgha ewro u hamsin centezmu (Ewro12,209.50c) oltre t-taxxa tal-valur mizjud flimkien mal-imghax legali mid-data tal-fornitura tal-istess materjal;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 512/08 li minn issa huwa ingunt in subizzjoni;

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenut li naqas li jipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqa kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Anna Mallia ghas-socjeta' attrici fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2008 tikkonferma bil-gurament illi s-socjeta' attrici kienet baqghet ma thallset xejn minghand il-konvenut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' tnax-il elf mitejn u disgha ewro u hamsin centezmu

(Ewro12,209.50c) oltre t-taxxa tal-valur mizjud flimkien mal-imghax legali mid-data tal-fornitura tal-istess materjal;

Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------